# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA



**Ġ5.3.5**

Is-sajd bil-qasba u b'opri żgħar tal-baħar bħala passatemp

## A. Aqra



Fl-istampa jidher raġel qiegħed jaħdem nassa tal-ħut mill-qasab. Bosta sajjieda jħobbu jixħtu nases bħal dawn minn fuq id-dgħajjes tagħhom. Biex in-nassa tinżel fl-ilma u ma tibqax fil-wiċċ, is-sajjied jagħmlilha xi toqol, pereżempju miċ-ċomb.

Ġon-nassa jpoġġi ftit għalf biex il-ħut jidħol jiekol u jinqabad ġewwa. Ġie li wkoll jistadu minn fuq il-blat b'nases bħal dawn.

Hemm bosta għodda li tista' tintuża għas-sajd. Ħafna mis-sajjieda dilettanti jistadu bir-rixa, bil-qasba,

bil-kopp jew bil-ħarpun. Iżda dawk li huma aktar professjonali jaqbdu l-ħut b'metodi iktar fini.

- **il-konz**: dan ikun ħabel twil li miegħu jkollu ħafna xlief bis-snanar imdendlin. Kull sunnara jkollha l-ikel imwaħħal magħha (lixka); is-sajjieda jużaw il-konz l-iktar biex jaqbdu ħut bħal paġell, serran u anke pixxispad.

- **in-nases**: dawn ikunu qofof tal-qasab, li s-sajjieda jniżżlu f'qiegħ il-baħar. Il-ħut jidħol f'dawn in-nases bla ma jkun jista' jerġa' joħroġ. Bin-nases jinqabad ukoll il-qarnit.

- **ix-xbiek**: jinfetaħ bħal purtiera wieqfa taħt l-ilma, jew inkella tinġarr f'għamla ta' basket kbir, u fihom jitħabbel il-ħut li jkun għaddej. Bix-xbiek jinqabdu ħafna tipi ta' ħut, fosthom il-lampuki.

## B. Immarka t-tajbin



1. Meta toħroġ b'dgħajsa żgħira (ma tistax, tista' jaqbillek) titbiegħed ħafna mill-art.

2. Min jistad bil-qasba juża l-ħarir u (xlief, zokk, mus) biex jistad.

3. Bosta tfal jużaw (kopp, konz, kappell) biex jaqbdu l-ħut minn ħdejn il-baħar.

4. Is-sajjieda jarmaw il-konz b'ħafna (xbieki, snanar, rix) imwaħħlin u mdendlin miegħu.

5. Il-lampuki jinqabdu (bin-nassa, bil-qasba, bix-xbiek).

6. L-għaddasa jkollhom (froxxna, qasba, mus) biex jaqbdu xi ċerna jew ħut ieħor.

7. Bosta sajjieda Maltin jiehdu l-ħut tagħhom (il-pixkerija, il-pitkalija, il-monti) biex il-bejjiegħa jixtruh minn hemm u jmorru jbigħuh is-suq.

## Ċ. Imla l-vojt bil-kliem mogħti

| | | |
|---|---|---|
| ħsara | kennija | mulett |
| impurtat | San Ġiljan | kannizzati |



1. Madwar il-kosta ta' Malta nsibu bosta daħliet __________________ li minnhom is-sajjieda joħorgu jistadu.

2. Il-parti l-kbira tal-ħut li nieklu jiġi __________________.

3. Għall-qbid tal-lampuki u l-fanfri is-sajjieda jagħmlu l-__________________.

4. It-tkarkir tax-xbieki ma' qiegħ il-baħar bit-*trawlers* jista' jagħmel __________________ lill-bejtiet tal-ħut.

5. Bil-qasba u x-xlief ġie li taqbad xi __________________.

6. __________________ huwa raħal li fl-antik kellu ħafna sajjieda jgħixu fih filwaqt li llum issiblu bosta ħwienet ta' divertiment.